**Teatrutramm**

**bil-kollaborazzjoni ta'**
**Inizjamed u l-Kavallier ta' San Ġakbu**

**jippreżenta**

# L-Interdett taħt is-Sodda

## Jieħdu Sehem

| | |
|---|---|
| Alison Desira | Mimì |
| Joseph Galea | Deffien |
| Marion Zammit | Anġlu |

| | |
|---|---|
| Direzzjoni | Marcelle Teuma |
| Kitba | Clare Azzopardi |
| Traduzzjoni tas-silta minn *Antigone* | Oliver Friggieri |
| Disinn tas-Sett | Pierre Portelli |
| Disinn tad-Dawl | Chris Gatt |
| Poster u Programm | Pierre Portelli |
| Kostumi | Ernest Camilleri |
| Irtokk | Anton Farrugia & Jackie Grima |
| Props | Pierre Portelli |
| Dawl | Claire Zerafa |
| Sound | Sandra McIntyre |
| Koordinatur tal-proġett | Claire Zerafa |

**Ħajr**
**Chris Gatt u l-Istaff tal-Kavallier ta' San Ġakbu, Adrian Grima u Inizjamed, Maria Grech Ganado, Sergio Grech, Nadine Spiteri – fbs marketing limited, John Zammit, Evarist u Gillian Bartolo, Piju Spiteri, Isabelle Gatt, Claire Agius, Giovann Attard, Karl Schembri, PEG**

## L-Interdett

Il-ġlieda politiko-reliġjuża tas-snin sittin ġabet ħafna tensjoni u firdiet fil-komunità Maltija. Il-Knisja kienet qed tħossha mhedda mill-Partit Laburista mmexxi minn Dom Mintoff. L-Integration kien il-bidu tal-kunflitt u l-affiljazzjoni tal-Partit Laburista ma' l-għaqda ta' l-AAPSO kompliet tqanqlu. Il-Knisja bdiet tħoss it-theddida dejjem tiżdied. Min-naħa l-oħra l-partit Laburista kellu f'moħħu l-ħelsien ta' Malta mill-Ingliżi iżda dan kien f'kunflitt mhux biss ma' l-awtoritajiet ekkleżjastiċi iżda mal-Gvern kolonjali wkoll.

Fit-8 ta' April 1961 ħareġ l-interdett fuq il-membri ta' l-eżekuttiv tal-partit laburista wara li Lorry Sant kien ilu bil-kundanna sa mid-9 ta' April 1960 għax fil-gazzetta *The Struggle*, li tagħha hu kien editur, qalet li f'pastorali minnhom kien hemm biss paragrafi politiċi. L-Interdett ifisser li min kien taħt il-kundanna ma setax jirċievi s-Sagramenti u s-Sagramentali. Il-kundannat la seta' jqerr, la jitqarben u lanqas jiżżewweġ fil-knisja imma ġos-sagristija, ma jirċevix t-tberik tad-dar fil-Għid u jiċċaħħad minn difna ekkleżjastika. Din tad-difna f'art mhux sagra ġabet ħafna wġigħ għall-familjari ta' dawk li mietu f'dan il-perjodu u ngħatatilhom din il-piena. Biex tkompli tagħqad l-art mhux sagra fejn kienu jindifnu saret magħrufa bħala l-miżbla. F'dan iż-żmien miet il-kittieb u deputat mexxej Ġużè Ellul Mercer li wkoll kellu jindifen fl-hekk imsejħa miżbla. Dan kompla ħarrax it-tilwima politika. Kien dnub ukoll għal min jaqra l-gazzetti ta' l-M.L.P., min jistampahom, min jikteb fihom, min ibiegħhom u min jirreklama fihom.

Il-poplu kien maqsum fi tnejn; dawk li jżommu ma' l-Arċisqof Gonzi u dawk mal-perit Mintoff. In-naħat tal-knisja kienu miġbura taħt il-Ġunta u din kienet torganizza rallies u twassal il-messaġġ kontra l-komuniżmu u tappella għal-lealtà lejn il-Knisja. Min-naħa l-oħra nsibu l-Partit Laburista u l-G.W.U. Il-Laburisti kienu jgħajru lill-kleru li huma politikanti u l-kleru kien jgħajjar lil-Laburisti li hum komunisti. Il-meetings li kien jorganizza l-Partit Laburista kien ikun akkumpanjat mid-daqq tal-qniepen tal-knisja fil-qrib biex itellef lill-kelliema milli jwasslu l-messaġġ tiegħu u kien hemm drabi fejn il-vjolenza kienet il-konsegwenza tal-konfrontazzjoni bejn l-għedewwa. L-aktar meeting li baqa' jissemma huwa dak li sar fit-Tokk Għawdex f'Mejju ta' l-1961. Id-daqq tal-qniepen ma waqafx u wara l-meeting l-Għawdxin li kienu kontra l-Laburisti ħarġu jiddiżinfettaw it-Tokk. Fl-elezzjoni ta' l-1962, vot għall-Partit Laburista kien ifisser dnub mejjet għax kien vot kontra l-Knisja.

L-interdett inħafer fl-Indipendenza.

## Nota tad-Direttur

**L-Interdett Taħt is-Sodda huwa dramm ispirat minn ġrajja storika lokali. L-għan ta' dan il-proġett mhuwiex li nagħtu informazzjoni ta' dak kollu li ġara matul dan iż-żmien li fih il-Knisja ħarġet l-Interdett. Lanqas biex nagħtu spjegazzjoni ta' l-għalfejn dak li ġara. Xtaqna nirrakkontaw storja permezz tat-teatru, storja li nibtet mill-iStorja tagħna, storja li l-poplu donnu ħeba biex jinsieha għaliex iġġib magħha tifkiriet qarsa. Storja li fl-aħħar mill-aħħar fina qajmet interess u bżonn li ngħadduha mill-passatur teatrali sabiex infakkru u niftakru aħna min aħna u minn fejn ġejjin.**

**Inħoss li huwa importanti li t-teatru Malti, jekk irid ikollu identità, jeħtieġ li jkompli jfittex l-istejjer tiegħu u mhux jibqa' jirrakkonta biss stejjer miktuba minn drammaturgi barranin. Inkella l-iStorja tagħna ħa tkun storja li ssibha miktuba biss fil-kotba u moqrija minn dawk li għandhom għal qalbhom ġrajjiet ta' pajjiżna. U storja bħal din tal-lejla hemm ċans kbir li ssir storja siekta, storja midfuna li kultant iżuruha l-qraba tagħha u l-ħbieb.**

**Għaldaqstant illum tinsabu bilqiegħda f'dan it-teatru li ġie mlibbes il-libsa ta' ċimiterju – l-arkivju, il-biblijoteka tal-ħajjiet umani. Filwaqt li nħallikom taraw dak li aħna ppreparajna għalikom nixtieq intemm din in-nota b'dan il-ħsieb......*l-Identità ta' l-individwu m'għadhiex marbuta ma' fejn wieħed jitwieled daqskemm ma' fejn wieħed jiġi midfun.***

**Marcelle Teuma**

## Nota dwar id-dramm

**L-Interdett taħt is-Sodda li qed jittella' b'kollaborazzjoni ma' l-Inizjamed u l-Kavallier ta' San Ġakbu, qed jesplora t-tema ta' Ċimiterji. Id-dramm li se taraw fih tliet pedamenti : dak klassiku, storiku u kontemporanju. Id-dramm jitlaq bil-monologu ta' Mimì, tfajla li ndifnet fil-miżbla fis-snin sittin għax kienet taħt il-piena ta' l-interdett u allura ma setgħetx tindifen f'art sagra. Ir-ruħ ta' Mimì għadha ddur fil-parti taċ-ċimiterju fejn indifnet, minkejja l-fatt li llum l-ħajt twaqqa' u l-miżbla ma teżistix. Iżda għal Mimì teżisti. Hemm anġlu wkoll, li xi waqtiet jiġri wara dell Mimì, jinkiha u jilgħab magħha.**

**Id-deffien taċ-ċimiterju, ukoll jinżel fl-inħawi fejn hi midfuna Mimì. Dan id-deffien igerger, jaħdem, jerġa' jgerger, jirraġuna u jieħu xi sjesta wkoll.**

Darba fost l-oħrajn waqt li d-deffien ikun qed jieħu ngħasa, Mimì u l-anġlu jidħlu fid-dinja tiegħu, u flimkien jaħdmu silta mid-dramm klassiku *Antigone* ta' Sofokle. It-tema prinċipali ta' dan id-dramm klassiku hija l-kunflitt bejn l-individwu u l-poter li għandu l-Istat. Kreon, ir-Re ta' Tebi, jiddikjara li filwaqt li Eteokle għandu jingħata difna xierqa, Polinice, ħuh, għandu jitħalla mingħajr difna xierqa, mitluq għarwien fix-xemx, biex jittiekel mill-annimali selvaġġi. Oħtu Antigone tisfida dan il-kmand tar-Re, il-futur kunjatu, u b'determinazzjoni kbira tiġbor lil ħuha Poliniċe u tidfnu kif mixtieq minnha anke jekk dan kien ifisser mewt għaliha.

Lura għar-realtà , Mimì tkompli bil-ħsibijiet tagħha. Nerġgħu niltaqgħu mad-deffien fejn dan jirrakkonta ħafna affarijiet dwar ħajtu fl-Addolorata ma' sieħbu d-deffien Ġiljan, illum mejjet, u dwar ħajtu issa li m'għadx għandu lil sieħbu miegħu. Huwa jitkellem dwar sitwazzjonijiet li jikkonċernaw xogħlu ġewwa ċ-ċimiterju. B'mod satiriku għall-aħħar, il-monologu tad-deffien iġegħelna nirriflettu dwar dak il-mument fil-ħajja, li għal raġunijiet ovvji ma naħsbux dwaru imma jkollna nħabbtu wiċċna miegħu meta ċ-ċirkostanzi jressquna lejn dan il-ġnien tal-mistrieħ.